# Animazzjoni - Solennità ta' Tlugħ il-Mulej fis-Sema (Sena Ċ)

**Dħul:**

Illum il-Knisja tiċċelebra s-Solennità ta' Tlugħ il-Mulej fis-Sema. B'din il-ġrajja ġiet fi tmiemha l-missjoni tal-Mulej Ġesù fid-dinja. Il-missjoni tal-Mulej kienet li jfittex lill-bniedem imsejken, joħorġu mill-jasar tad-dnub, u jagħtih ħajja ġdida. Dan kollu jurina b'liema mħabba ħabbna Alla.

Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Il-Liturġija tal-Kelma tal-lum tagħmel enfasi fuq il-milja ta' Kristu. Huwa kiseb għal kull bniedem l-Ispirtu Qaddis ta' Alla l-Missier. Qabel ma' Kristu infired minn mal-Appostli u tela' s-sema, hu tahom missjoni speċjali li jmorru fid-dinja u jxandru lil kulħadd il-Kelma tiegħU.

Nisimgħu b'attenzjoni l-Kelma t'Alla.

**Salm Responsorjali:** Tela' Alla b'għajjat ta' ferħ.

**Offertorju:**

It-tlugħ ta' sidna Ġesù fis-sema jqanqalna sabiex inroddu ħajr lil Alla tagħna għad-don ta' Ibnu l-għażiż. Dan nistgħu nagħmluh permezz tal-offerta tagħna nfusna totali lil Alla.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Meta wieħed jgħix fi Kristu u jxandar il-Kelma tiegħu jkun qed iwieġeb għas-sejħa li Hu għamel qabel ma tela' is-sema. Dan l-atteġġjament wieħed jgħixu meta jirċievi l-Ewkaristija. Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.